MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 223/2008

**A B**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk :

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Gunju 2003 skond l-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dok SC1;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet huwa vizzjat minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

4. Illi l-intimata ma kelliex fiz-zmien li sar iz-zwieg setghat intelletwali jew rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Tghid ghalhekk l-intimata il-ghala din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet li sehh fit-22 ta’ Gunju 2005 huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi tenut ta’ l-Att taz-Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta) kif sussegwentement emendat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenuta, debitament ingunta, ghazlet li tibqa’ kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kuntrattat fit-22 ta’ Gunju 2003 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [h] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-22 ta’ Gunju 2003 meta allura l-attur kellu 24 sena u l-konvenuta kellha 21 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa hames snin. Wara konvivenza ta’ circa erba’ snin il-

partijiet isseparaw de facto ; u l-konvenuta dahlet f' relazzjoni extra matrimonjali circa xahar wara. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-attur jilmenta mill-fatt li, sa minn zmien l-gherusija, il-partijiet kellhom problemi fir-relazzjoni taghhom, partikolarment minhabba l-komportament tal-konvenuta li, skond hu, kienet tilbes u tagixxi b' mod provokattiv. Huwa jillamenta mill-fatt li l-konvenuta ma kinitx bilghaqal fil-flus, u barra minnhekk kienet tghir "immens" ghalih. Jghid li ma kinitx taghmel il-facendi tad-dar, tant li "f' erba snin la qatt sajritli, la qatt haslet hwejjeg, hmieg kullimkien u riha ta' pipi [tal-kelb]."1 Jghid li l-konvenuta ma riditx tfal fiz-zwieg, u li l-kelb kien il-baby taghha.

Minn naha taghha l-konvenuta tichad li kienet tagixxi b' mod provokattiv, u tghid li kienet tilbes "normali"; u li kien l-attur li kien jghir hafna ghalija. Tghid li kienu jiggieldu hafna u fuq affarijiet zghar, u sussegwentement, wara sentejn zwieg dahlet il-bruda bejniethom, u bdew ifittxu l-hbieb. Tammetti li kienet tiehu l-flus mill-hanut, izda dan kienet taghmlu ghax l-attur ma kienx jaghtiha paga adegwata bhala mara tad-dar. Tghid li hu kien xhih maghha. Rigward it-tfal, tghid li hi ma kinitx riedet li jkollhom it-tfal minhabba l-problemi finanzjarji li kellhom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

F' dan il-kaz, il-Qorti tirravviza l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, fil-konfront taz-zewg partijiet, stante li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghhom it-tnejn kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-import tal-hajja konjugali. L-attur minn naha tieghu, ghalkemm kien jaf bil-problemi serji fir-relazzjoni taghhom qabel iz-zwieg, xorta wahda ghaddas rasu u zzewweg lill-konvenuta li minn naha taghha jirrizulta car li kienet ghadha mmatura wisq biex tidhol ghal dan l-impenn li jirrikjedi sagrificci kbar.

[1] Fol.48

Illi s-sitwazzjoni bejn il-partijiet kienet tali li dawn ma kienux kapaci jassumu l-obbligi tal-hajja matrimonjali, naxxenti minn unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, liema nuqqas kien ta’ ostakolu serju sabiex jibnu bejniethom “a community of love and life”.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-temini ta’ l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta’ Gunju 2005.

L-ispejjez jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------